Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2023
(OR. en)

16125/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0325 (NLE)

PECHE 524

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed |

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**ta'…**

**dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), kif ukoll il-pariri mogħtija minn kunsilli konsultattivi għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u r-rakkomandazzjonijiet konġunti rilevanti li jsiru mill-Istati Membri.

(2) Il-Kunsill ser jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd.

(3) L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-objettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) huwa li meta possibbli, sal-2015, tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u, b'mod progressiv u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha. L-objettiv tal-perjodu tranżitorju sal-2020 kien li tiġi bbilanċjata l-kisba tal-MSY għall-istokkijiet kollha bl-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjali tal-aġġustamenti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd relatati.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(4) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni tal-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(5) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd jeħtieġ ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk il-pjanijiet.

(6) Il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-punent tal-Baħar Mediterran ("il-pjan") ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019. Il-pjan għandu l-għan li jinkiseb u jinżamm l-MSY għall-istokkijiet fil-mira, jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

(7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020, meta possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu espressi bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u jenħtieġ li jiġu ffissati f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tal-pjan, u bħala limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan.

(8) L-STECF ta parir li, sabiex jintlaħqu l-miri tal-MSY għall-istokkijiet tal-ħut kollha fil-punent tal-Mediterran, huma meħtieġa aktar azzjonijiet u tnaqqis sinifikanti fil-mortalità mis-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir. Għalhekk jenħtieġ li abbażi ta' dan il-parir, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, għall-2023 l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir fil-punent tal-Baħar Mediterran jitnaqqas b'7 % meta mqabbel max-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017, li jeħtieġ jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2022 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110[1].

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

(9) Fl-2021, l-STECF ta parir li l-bastimenti tas-sajd bil-konz jikkawżaw sa 10 % mill-mortalità mis-sajd tal-Merluzz fis-subżoni ġeografiċi (GSAs) 1-5-6-7 tal-GFCM u jikkostitwixxu sa 20 % tal-ħatt l-art tal-Merluzz fil-GSA 10, filwaqt li l-qabdiet b'dak l-irkaptu huma fil-biċċa l-kbira ħut riproduttiv. L-STECF ta parir li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-Merluzz ilu jonqos b'mod kostanti matul dawn l-aħħar snin u l-għadd ta' merluzz riproduttiv fil-GSAs 1-5-6-7 naqas b'66 %, filwaqt li naqas bi 28 % fil-GSAs 8-9-10-11 minn meta bdew il-valutazzjonijiet. Abbażi ta' dak, l-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa l-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-bastimenti tas-sajd bil-konz, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tal-pjan, abbażi tal-isforz tas-sajd espress bħala l-għadd ta' jiem tas-sajd bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2017. Fl-2022, l-STECF ivvaluta li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-Merluzz fil-GSAs 1-5-6-7 u tal-Merluzz fil-GSAs 8-9-10-11 għadu taħt il-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa ($B_{LIM}$), skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (10), tal-pjan, u li jenħtieġ li l-qabdiet jitnaqqsu b'mill-inqas 57 % fil-GSAs 1-5-6-7 u b'78 % fil-GSAs 8-9-10-11 sabiex jintlaħaq l-$F_{MSY}$ fl-2023. Għalhekk huwa xieraq li, għall-2023, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz jinżamm fil-livelli stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tal-pjan. Dak l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, espress f'jiem tas-sajd, jenħtieġ li ma jippreġudikax l-isforz tas-sajd massimu permissibbli li għandu jiġi stabbilit għall-2024.

(10) Fl-2021, l-STECF ta l-parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-5-6-7 u fil-GSAs 8-9-10-11 jeħtieġ tonqos sinifikattivament biex jinkiseb l-MSY sa mhux aktar tard mill-2025. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv dwar is-Sajd (SAC) tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) ħareġ parir simili għall-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fis-subżona ġeografika 2. Barra minn hekk, l-STECF stima li l-bijomassa tal-gamblu blu u aħmar kienet qed tonqos. Abbażi tal-parir irċevut, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa għall-2022 il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 1-5-6-7 u l-GSAs 8-9-10-11.

(11) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2-5-6-7 għadha 'l bogħod minn livelli sostenibbli u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu b'medja ta' 53 % minħabba li dik l-ispeċi tinsab taħt il-$B_{LIM}$ fil-GSAs 1-2, filwaqt li dik l-ispeċi tinsab taħt il-punt ta' referenza prekawzjonarju tal-bijomassa ($B_{PA}$) fil-GSAs 6-7, skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (11), tal-pjan. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex jiġi kkomplementat ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2-5-6-7 jenħtieġ li jitnaqqsu b'5 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

(12) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 8-9-10-11 għadha ogħla mil-livelli sostenibbli u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkiseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu bi 30 %. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex jiġi kkomplementat ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 8-9-10-11 jenħtieġ li jitnaqqsu bi 3 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

(13) Fl-2021, l-STECF ta parir li l-bijomassa tal-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 kienet qed tonqos u li l-mortalità mis-sajd ta' dak l-istokk jeħtieġ tonqos sinifikattivament biex jinkiseb l-MSY sa mhux aktar tard mill-2025. Abbażi tal-parir irċevut, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa, għall-2022, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11.

(14) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-bijomassa tal-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 qed tonqos u l-mortalità mis-sajd għadha ogħla mil-livelli sostenibbli, u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu b'27 % minħabba li dik l-ispeċi tinsab ogħla mill-$B_{PA}$ fil-GSAs 8-9-10-11. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 jenħtieġ li jitnaqqsu bi 3 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

(15) Fl-2022, l-STECF stima li l-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2, il-merluzz fil-GSAs 1-5-6-7 u l-merluzz fil-GSAs 8-9-10-11 għandhom bijomassi ta' stokk riproduttiv taħt il-$B_{LIM}$, li jindika li jista' jkun li naqsu l-kapaċitajiet riproduttivi tagħhom. Il-kombinament tal-miżuri kollha adottati fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet jinkludi l-miżuri ta' rimedju ulterjuri meħtieġa skont l-Artikolu 6(2) tal-pjan.

(16) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli għall-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd u limitu massimu għall-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(17) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/1 dwar l-istabbiliment ta' reġim tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet ewlenin tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet għadd massimu ta' jiem tas-sajd permissibbli, skont it-tip ta' tkarkir u s-segment tal-flotta, għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(18) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2022/8 dwar l-implimentazzjoni fl-2023 ta' reġim ta' sforz tas-sajd għall-istokkijiet ewlenin tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5, li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(19) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet livell massimu ta' qabdiet u limitu massimu relatat għall-kapaċità tal-flotta għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jkollhom stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-mira, b'deroga għall-flotot nazzjonali b'inqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u/jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar b'mod attiv. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(20) Filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet pelaġiċi żgħar u l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, jixraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal allokazzjoni minima tal-isforz għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

(21) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27), li introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd mogħti bħala l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, u limiti tal-ħsad għall-qroll aħmar. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(22) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/11 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut fis-sajd għal-lampuki fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd mogħti bħala l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-lampuki fil-mira tagħhom u r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/11estendiet dawk il-miżuri sa tmiem l-2023. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(23) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet reġim ta' sforz għall-merluzz u limiti ta' qbid għall-gamblu abjad, kif ukoll l-iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(24) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(25) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19 sa 21), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(26) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Levant (is-subżoni ġeografiċi 24 sa 27), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(27) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 3), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet livelli massimi ta' qabdiet għall-2023, l-2024 u l-2025, għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati u miżuri ġodda għas-sajd rikreattiv. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(28) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29). Ir-rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 introduċiet it-TAC reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari perjodu ta' għeluq ta' xahrejn għas-sajd u limitazzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Dawk il-miżuri ulterjuri huma marbuta mil-lat funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr dawk il-miżuri fis-seħħ, jenħtieġ li l-livell tat-TAC għall-barbun imperjali jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(29) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/9 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3. Dik ir-Rakkomandazzjoni tawlet it-TAC eżistenti b'sena. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat deċiżjoni fejn osservat li matul is-sena 2021 l-Unjoni ma kinitx sfruttat biżżejjed il-kwota tagħha għall-barbun imperjali u approvat riport tal-kwota mhux użata fid-dawl tas-sitwazzjoni eċċezzjonali maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tal-GFCM tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw min-nuqqas ta' sfruttament titwettaq abbażi tal-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull Stat Membru lejn nuqqas ta' sfruttament, mingħajr ma jinbidel il-koeffiċjent ta' distribuzzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/110 dwar l-allokazzjoni annwali tat-TACs.

(31) Abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-Grupp ta' ħidma tal-Baħar l-Iswed tal-GFCM, il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd jenħtieġ li jinżamm biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk jixraq li jitkompla l-istabbiliment ta' kwota awtonoma għal dak l-istokk.

(32) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[1] u, b'mod partikolari, għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd kif ukoll in-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni rigward ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(33) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2023. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni mill-iktar fis tiegħu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ mill-ewwel mal-pubblikazzjoni tiegħu.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(34) Sabiex jiġi promoss l-użu tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u biex jiġu stabbiliti żoni ta' għeluq effiċjenti biex jiġu mħarsa l-frieħ tal-ħut u l-ħut riproduttiv, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir. Abbażi tal-esperjenza mill-ewwel sena tal-applikazzjoni u sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza sħiħa tal-mekkaniżmu ta' kumpens, huwa neċessarju li jiġi ċċarat kif jenħtieġ li jiġi implimentat dak il-mekkaniżmu, inkluż b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2022, meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2022/110. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2022/110 jiġi emendat skont dan. Barra minn hekk, peress billi l-parir xjentifiku għadu jirrakkomanda aktar titjib tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u tal-effiċjenza ta' żoni tal-għeluq biex jitħarsu l-frieħ tal-ħut, dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jitkompla fl-2023. Abbażi tal-parir xjentifiku għall-2023, huwa neċessarju li 3.5 % tal-jiem tas-sajd jiġu allokati lill-bastimenti tat-tkarkir, ikkalkulati mix-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017.

(35) L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jiffissa għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut disponibbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Huwa jikkjarifika wkoll l-applikazzjoni, fl-2022, tal--mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir .

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed u li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

   (a) il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (b);

   (b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-punent tal-Baħar Mediterran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (c);

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (d);

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea)*, il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), it-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (d);

(e) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (e), fil-Baħar Jonju, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (f), u fil-Baħar Levant, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (g);

(f) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (h);

(g) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (i).

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, fejn huma msemmijin b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser l-ilmijiet barra mis-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità tal-ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul il-perjodu ta' sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu ta' qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;

(f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq id-data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li rieżami xjentifiku indika li hija ta' kwalità biżżejjed biex tipprovdi parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(h) "irkaptu biex jinġema' l-ħut" (FAD) tfisser kwalunkwe tagħmir ankrat fuq wiċċ il-baħar bl-objettiv li jattira l-ħut.

*Artikolu 4*

*Żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) "subżoni ġeografiċi tal-GFCM" tfisser iż-żoni definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(b) "Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(c) "punent tal-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(d) "Baħar Adrijatiku" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(e) "Fliegu ta' Sqallija" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(f) "Baħar Jonju" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(g) "Baħar Levant" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(h) "Baħar Alboran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(i) "Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet fis-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif definita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

# TITOLU II
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

## Kapitolu I
## Baħar Mediterran

*Artikolu 5*

*Qroll aħmar*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri sajd immirat u rikreattiv fil-Baħar Mediterran.

2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u minn attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.

3. It-trażbord tal-qroll aħmar fil-baħar għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għall-paragrafu 2.

4. Għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprojbixxu l-qabda u ż-żamma abbord jew it-trażbord jew il-ħatt l-art tal-qroll aħmar.

*Artikolu 6*

*Lampuka*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu biex jinġema' l-ħut għall-qbid tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu għal-lampuki huwa stabbilit fl-Anness II.

# Kapitolu II

# Punent tal-Baħar Mediterran

*Artikolu 7*

*Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022, fil-punent tal-Baħar Mediterran.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u l-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u l-Artikoli 26 sa 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. L-allokazzjoni tal-limiti massimi ta' qbid fost l-Istati Membri għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-punent tal-Baħar Mediterran hija wkoll stabbilita fl-Anness III.

4. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri, kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Anness III, għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha tkun f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; u

(b) għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(i) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(ii) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(iii) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(iv) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(v) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 8*

*Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni*

1. Għas-segment tal-flotta kkonċernat, fl-2023, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd li tkun 3,5 % ikkalkulat mix-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017 ta' dak l-Istat Membru, kif stabbilit fil-paragrafu 4.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd, kif ukoll bl-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd u l-kundizzjoni assoċjata.

3. L-allokazzjoni addizzjonali għandha tiġi kkalkulata mill-isforz massimu permess fix-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017 għas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat, mill-1 ta' Jannar 2023.

4. Stat Membru jista' jagħti l-allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1, dment li bastiment jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) dak il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz;

(b) dak il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu blu u aħmar b'tul tal-karapaċi (CL) ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, u biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11;

(c) dak il-bastiment juża irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECF, fi tnaqqis ta' mill-inqas 25 % fil-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fil-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020, bħal għarbiel bi spazji ta' 20 mm;

(d) l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa żoni ta' għeluq temporanji sabiex inaqqas b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha;

(e) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta daqs minimu ġdid ta' referenza għall-konservazzjoni tal-merluzz ta' mill-inqas 26 cm, sabiex progressivament jilħaq it-tul mal-ewwel maturità; jew

(f) l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa perjodu tal-għeluq ta' mill-inqas erba' ġimgħat kontinwi għall-attivitajiet tas-sajd bil-bastimenti tat-tkarkir fiż-żoni u l-perjodi rikonoxxuti bħala importanti, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, għall-protezzjoni tal-istokkijiet tal-merluzz riproduttiv. Żoni bħal dawn għandhom iqisu wkoll ix-xejriet spazjali tad-distribuzzjoni tal-ħut riproduttiv, inkluż il-fond minn 150m sa 500m. Il-perjodi tal-għeluq temporanju tas-sajd għandhom ikunu minn Frar sa Marzu u minn Ottubru sa Novembru.

5. Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll b'mod separat lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' mill-kwota addizzjonali msemmija fil-paragrafu 4, billi juża kodiċijiet tar-rapportar speċifiċi għal dik l-allokazzjoni.

6. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a) sa (f).

*Artikolu 9*

*Reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-data*

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jittrażmettu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

2. Meta tintbagħat id-data dwar l-isforz lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-grupp tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness III.

# Kapitolu III
# Il-Baħar Adrijatiku

*Artikolu 10*

*Stokkijiet pelaġiċi żgħar*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu s-sardin (*Sardina pilchardus*) u l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness IV.

3. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għall-istokkijiet tal-ħut pelaġiċi żgħar, hija stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 11*

*Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-istokk tal-ħut tal-qiegħ u l-kapaċità massima tal-flotta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV.

3. Stat Membru jista' jemenda l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd tiegħu kif stabbilit fl-Anness IV billi jittrasferixxi l-jiem tas-sajd fost il-gruppi tal-isforz tas-sajd tal-istess żona ġeografika u/jew irkaptu, dment li japplika fattur tal-konverżjoni nazzjonali appoġġat mill-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 12*

*Trażmissjoni tad-data*

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda, għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness IV.

# Kapitolu IV

# Fliegu ta' Sqallija

*Artikolu 13*

*Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija.

2. Il-livell massimu tal-qabdiet tal-gamblu abjad ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.

3. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-merluzz u l-kapaċità massima tal-flotta, espressi f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huwa stabbilit fl-Anness V.

4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 14*

*Gambli tal-fond*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ hija stabbilita fl-Anness V.

3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.

*Artikolu 15*

*Trażmissjoni tad-data*

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda, għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness V.

# Kapitolu V
# Baħar Jonju u Baħar Levant

*Artikolu 16*

*Gambli tal-fond*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levant.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ hija stabbilita fl-Anness VI.

3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

# Kapitolu VI

# Il-Baħar Alboran

*Artikolu 17*

*Paġella Ħamra*

1. Dan l-Artikolu japplika għas-sajd kummerċjali u rikreattiv bil-konzijiet u bix-xlief minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran.

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VII.

3. L-għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-paġella ħamra huwa stabbilit fl-Anness VII.

4. Għall-attivitajiet tas-sajd rikreattiv, l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal ħuta waħda għal kull sajjied kuljum. Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) għandu japplika għas-sajd rikreattiv fil-Baħar Alboran. Is-sajd rikreattiv għal din l-ispeċi għandu jkun ipprojbit matul il-perjodu tal-għeluq tas-sajd kummerċjali stabbilit fil-livell nazzjonali.

# Kapitolu VII

# Il-Baħar l-Iswed

*Artikolu 18*

*Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allokazzjoni ta' tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali magħha, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VIII.

*Artikolu 19*

*Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. It-TAC tal-Unjoni għall-barbun imperjali applikabbli fil-Baħar l-Iswed u l-allokazzjoni ta' tali TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali magħha, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VIII.

*Artikolu 20*

*Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali*

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati li jistadu għall-barbun imperjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19, irrispettivament mit-tul kumplessiv tal-bastiment, ma għandhomx jaqbżu l-180 jum ta' sajd fis-sena.

*Artikolu 21*

*Perjodu ta' għeluq għall-barbun imperjali*

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kwalunkwe attività tas-sajd, inkluż iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju.

*Artikolu 22*

*Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed*

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 19 għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

   (a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

   (c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 23*

*Trażmissjoni tad-data*

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa kaħla u l-barbun imperjali maqbuda fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

# TITOLU III
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 24*

*Emendar tar-Regolament (UE) 2022/110*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/110 huwa emendat f'konformità mal-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 25*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, l-Artikolu 24 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS I

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-GFCM GĦALL-QROLL AĦMAR FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Corallium rubrum* | COL | Qroll aħmar |

Tabella 1.

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd(*)

| Stati Membri | Qroll aħmar COL |
|---|---|
| Il-Greċja | 12 |
| Spanja | 0(**) |
| Franza | 32 |
| Il-Kroazja | 28 |
| L-Italja | 40 |

(*) Jirrappreżenta l-għadd ta' bastimenti u/jew bugħaddasa, jew l-abbinament ta' bugħaddas wieħed ma' bastiment wieħed, awtorizzati għall-ħsad tal-qroll aħmar.

(**) Skont il-projbizzjoni temporanja għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilit fl-ilmijiet Spanjoli.

Tabella 2.

Livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda mogħtija f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Qroll aħmar<br>*Corallium rubrum* | Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran - GSAs 1-27<br>COL/GF1-27 |
|---|---|---|
| Il-Greċja | 1,844 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |
| Spanja | 0(**) | |
| Franza | 1,400 | |
| Il-Kroazja | 1,226 | |
| L-Italja | 1,378 | |
| L-Unjoni | 5,848 | |
| TAC | Mhux rilevanti / Mhux maqbula | |

(**) Skont il-projbizzjoni temporanja għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilit fl-ilmijiet Spanjoli

## ANNESS II

SFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI
FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI
TAL-LAMPUKI FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabella f'dan l-Anness tistabbilixxi n-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati li jistadu għal-lampuki fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Coryphaena hippurus* | DOL | Lampuka |

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti li joperaw f'ilmijiet internazzjonali(*)

| Stat Membru | Lampuka DOL |
|---|---|
| L-Italja | 797 |
| Malta | 130 |

(*) Din il-kwota tista' tiġi mistada biss bejn il-15 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2023 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

# ANNESS III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI
FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-ĦUT TAL-QIEGĦ
FIL-PUNENT TAL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi ta' stokkijiet, kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1022, il-limiti massimi ta' qbid u t-tul totali tal-bastimenti għat-tipi kollha ta' bastimenti tat-tkarkir[1] u tas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Aristaeomorpha foliacea* | ARS | Gamblu aħmar kbir |
| *Aristeus antennatus* | ARA | Gamblu blu u aħmar |
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Mullus barbatus* | MUT | Trilja tal-ħama |
| *Nephrops norvegicus* | NEP | Skampu |
| *Parapenaeus longirostris* | DPS | Gamblu abjad |

[1] TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP, TSP.

1. Sforz tas-sajd massimu permissibbli f'jiem tas-sajd

(a) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Bleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1-2-5-6-7)

| Grupp ta' stokkijiet | It-tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd | Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-trilja tal-ħama fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; Il-merluzz fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; Il-gamblu abjad fil-GSAs 1, 5 u 6; L-iskampu fil-GSAs 5 u 6 | < 12 m | 1745 | 0 | 0 | EFF1/MED1_TR1 | EFF1/MED1_TR1_AA |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 18 752 | 0 | 0 | EFF1/MED1_TR2 | EFF1/MED1_TR2_AA |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 35 184 | 3 972 | 0 | EFF1/MED1_TR3 | EFF1/MED1_TR3_AA |
| | ≥ 24 m | 12 392 | 4 833 | 0 | EFF1/MED1_TR4 | EFF1/MED1_TR4_AA |
| Il-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 | < 12 m | 0 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR1 | EFF2/MED1_TR1_AA |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 879 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR2 | EFF2/MED1_TR2_AA |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 8 908 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR3 | EFF2/MED1_TR3_AA |
| | ≥ 24 m | 7 151 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR4 | EFF2/MED1_TR4_AA |

(b) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8-9-10-11)

| Grupp ta' stokkijiet | It-tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd | Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-trilja tal-ħama fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; Il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; Il-gamblu abjad fil-GSAs 9, 10 u 11; L-iskampu fil-GSAs 9 u 10 | < 12 m | 0 | 161 | 2 294 | EFF1/MED2_TR1 | EFF1/MED2_TR1_AA |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 0 | 644 | 34 505 | EFF1/MED2_TR2 | EFF1/MED2_TR2_AA |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 0 | 161 | 23 205 | EFF1/MED2_TR3 | EFF1/MED2_TR3_AA |
| | ≥ 24 m | 0 | 161 | 3 097 | EFF1/MED2_TR4 | EFF1/MED2_TR4_AA |
| Il-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 | < 12 m | 0 | 0 | 379 | EFF2/MED2_TR1 | EFF2/MED2_TR1_AA |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 0 | 0 | 2 799 | EFF2/MED2_TR2 | EFF2/MED2_TR2_AA |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 0 | 0 | 2 253 | EFF2/MED2_TR3 | EFF2/MED2_TR3_AA |
| | ≥ 24 m | 0 | 0 | 302 | EFF2/MED2_TR4 | EFF2/MED2_TR4_AA |

(c) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1-2-5-6-7)

| Grupp ta' stokkijiet | It-tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-merluzz fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 | < 12 m | 9 433 | 6 432 | 0 | EFF1/MED1_LL1 |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 2 148 | 93 | 0 | EFF1/MED1_LL2 |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 74 | 0 | 0 | EFF1/MED1_LL3 |
| | ≥ 24 m | 29 | 0 | 0 | EFF1/MED1_LL4 |

(d) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8-9-10-11)

| Grupp ta' stokkijiet | It-tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 | < 12 m | 0 | 1 650 | 33 187 | EFF1/MED2_LL1 |
| | ≥ 12 m u < 18 m | 0 | 51 | 4 748 | EFF1/MED2_LL2 |
| | ≥ 18 m u < 24 m | 0 | 0 | 26 | EFF1/MED2_LL3 |
| | ≥ 24 m | 0 | 0 | 0 | EFF1/MED2_LL4 |

2. Limiti massimi ta' qbid għall-gambli tal-baħar fond

(a) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1-2-5-6-7), mogħtija bħala livell massimu ta' qbid f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu blu u aħmar<br>*Aristeus antennatus* | Żona: | GSAs 1-2-5-6-7<br>(ARA/GF1-7) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 828 | Livell massimu ta' qbid | |
| Franza | 53 | | |
| L-Italja | 0 | | |
| L-Unjoni | 881 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(b) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8-9-10-11), mogħtija bħala livell massimu ta' qbid f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu blu u aħmar<br>*Aristeus antennatus* | Zone: | GSAs 8-9-10-11<br>(ARA/GF8-11) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 0 | Livell massimu ta' qbid | |
| Franza | 9 | | |
| L-Italja | 243 | | |
| L-Unjoni | 252 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

| Speċi: | Gamblu aħmar kbir<br>*Aristaeomorpha foliacea* | Żona: | GSAs 8-9-10-11<br>(ARS/GF8-11) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 0 | Livell massimu ta' qbid | |
| Franza | 5 | | |
| L-Italja | 354 | | |
| L-Unjoni | 359 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

## ANNESS IV

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ADRIJATIKU

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi ta' stokkijiet jew ta' sforz tal-bastimenti u l-kundizzjonijiet li huma marbuta magħhom mil-lat funzjonali, fejn ikun xieraq, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Engraulis encrasicolus* | ANE | Inċova |
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Mullus barbatus* | MUT | Trilja tal-ħama |
| *Nephrops norvegicus* | NEP | Skampu |
| *Parapenaeus longirostris* | DPS | Gamblu abjad |
| *Sardina pilchardus* | PIL | Sardina |
| *Solea solea* | SOL | Lingwata komuni |

1. Stokkijiet pelaġiċi żgħar – GSAs 17 u 18

Livell massimu ta' qbid mogħti f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Speċijiet pelaġiċi żgħar (inċova u sardina)<br>*Engraulis encrasicolus* u *Sardina pilchardus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tal-GSAs 17 u 18 tal-GFCM<br>(SP1/GF 17-18) |
|---|---|---|---|
| L-Italja | 32 941 (*) | Livell massimu ta' qbid | |
| Il-Kroazja | 51 735 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika | |
| TAC | Mhux rilevanti | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika | |

(*) Għas-Slovenja, il-kwantitajiet huma bbażati fuq il-livell tal-qabdiet li kien hemm fl-2014 u jenħtieġ li ma jaqbżux it-300 tunnellata.

Il-kapaċità massima tal-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir u bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu b'mod attiv għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Il-Kroazja | PS | 249 | 77 145,52 | 18 537,72 |
| L-Italja | PTM-OTS-PS | 685 | 134 556,7 | 25 852 |
| Is-Slovenja (*) | PS | 4 | 433,7 | 38.5 |

(*) Id-dispożizzjoni taħt il-paragrafu 28 ta' GFCM/44/2021/20 ma għandhiex tapplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn għaxar bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u/jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar, kif irreġistrat kemm fir-reġistru nazzjonali u f'dak tal-GFCM għall-2014. F'dak il-każ, il-kapaċità tal-flotta attiva tista' tiżdied b'mhux aktar minn 50 % tal-għadd ta' bastimenti u f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) u/jew tunnellaġġ reġistrat gross (GRT) u kW.

2. Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ – GSAs 17 u 18

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' xbieki tat-tkarkir u s-segment tal-flotta li jistadu għal stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-GSAs 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku)

| | | | | | Jiem tas-sajd 2023 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tip ta' rkaptu | Żona ġeografika | Stokkijiet ikkonċernati | It-tul totali tal-bastimenti | Kodiċi tal-grupp tal-isforz | L-ITALJA | IL-KROAZJA | SLOVENJA |
| Xbieki tat-tkarkir (OTB) | Is-subżoni 17-18 tal-GFCM | Trilja tal-ħama; Merluzz; Gamblu abjad, u skampu | < 12 m | EFF/MED3_OTB_TR1 | 3 275 | 10 097 | (*) |
| | | | ≥ 12 m u < 24 m | EFF/MED3_OTB_TR2 | 73 599 | 23 524 | (*) |
| | | | ≥ 24 m | EFF/MED3_OTB_TR3 | 6 449 | 2 112 | (*) |
| Xbieki tat-tkarkir bit-travu (TBB) | Is-subżona 17 tal-GFCM | Lingwata komuni | < 12 m | EFF/MED3_TBB_TR1 | 194 | 0 | 0 |
| | | | ≥ 12 m u < 24 m | EFF/MED3_TBB_TR2 | 3 635 | 0 | 0 |
| | | | ≥ 24 m | EFF/MED3_TBB_TR3 | 3 614 | 0 | 0 |

(*) Is-Slovenja ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum tas-sajd fis-sena f'konformità mal-paragrafu 13 ta' GFCM/43/2019/5.

Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u tal-bastimenti bi xbieki tat-tkarkir bit-travu awtorizzati għas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Il-Kroazja | OTB | 495 | 79 867,99 | 13 267,99 |
| L-Italja | OTB-TBB | 1 363 | 260 618,37 | 47 148 |
| Is-Slovenja (*) | OTB | 11 | 1 813,00 | 168,67 |

(*) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9(c) u 28 ta' GFCM/43/2019/5 ma għandhomx japplikaw għall-flotot nazzjonali li joperaw bl-OTB u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 9(c). Il-kapaċità tas-sajd tal-flotta attiva li topera bl-OTB ma għandhiex tiżdied b'aktar minn 50 % meta mqabbla mal-perjodu ta' referenza.

**ANNESS V**

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI
FIL-FLIEGU TA' SQALLIJA

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u l-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, fejn ikun xieraq, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-ispeċijiet ta' ħut tal-qiegħ u gambli tal-fond.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Parapenaeus longirostris* | DPS | Gamblu abjad |
| *Aristaeomorpha foliacea* | ARS | Gamblu aħmar kbir |
| *Aristeus antennatus* | ARA | Gamblu blu u aħmar |

1. Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16)

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Ċipru | OTB | 1 | 265 | 105 |
| Spanja | OTB | 1 | 100 | 118 |
| L-Italja | OTB | 594 | 14 4175 | 36 856 |
| Malta | OTB | 15 | 5 562 | 2 007 |

(b) Il-livell massimu tal-isforz tas-sajd, espress f'għadd ta' jiem tas-sajd, għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16)

| Stat Membru | Irkaptu | Tul tal-bastiment | Kodiċi tal-grupp tal-isforz | Jiem tas-sajd 2023 |
|---|---|---|---|---|
| CYP | OTB | T-12 | EFF4/MED4_OTB4 | 51 |
| ITA | OTB | T-07 | EFF4/MED4_OTB1 | 90 |
| ITA | OTB | T-10 | EFF4/MED4_OTB2 | 188 |
| ITA | OTB | T-11 | EFF4/MED4_OTB3 | 19 366 |
| ITA | OTB | T-12 | EFF4/MED4_OTB4 | 3 657 |
| MLT | OTB | T-11 | EFF4/MED4_OTB4 | 338 |
| MLT | OTB | T-12 | EFF4/MED4_OTB4 | 165 |

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi | Gamblu abjad<br>*Parapenaeus longirostris* | Żona: | GSAs 12-13-14-15-16<br>(DPS/GF 12-16) |
|---|---|---|---|
| L-Italja | 2 147 | Livell massimu ta' qbid | |
| Ċipru | 1 | | |
| Malta | 6 | | |
| L-Unjoni | 2 154 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

2. Gambli tal-fond

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' gambli tal-fond fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16)

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Ċipru | OTB | 1 | 105 | 265 |
| Spanja | OTB | 2 | 440,56 | 218,78 |
| L-Italja | OTB | 320 | 93 756 | 26 076 |
| Malta | OTB | 15 | 2 007 | 5 562 |

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu aħmar kbir<br>*Aristaeomorpha foliacea* | Żona: GSAs 12-13-14-15-16<br>(ARS/GF 12-16) |
|---|---|---|
| Spanja | 1 | Livell massimu ta' qbid |
| L-Italja | 870 | |
| Ċipru | 0 | |
| Malta | 37 | |
| L-Unjoni | 908 | |
| TAC | Mhux rilevanti | |

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12-13-14-15-16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu blu u aħmar<br>*Aristeus antennatus* | Żona: GSAs 12-13-14-15-16<br>(ARA/GF 12-16) |
|---|---|---|
| Spanja | 1 | Livell massimu ta' qbid |
| L-Italja | 101 | |
| Ċipru | 0 | |
| Malta | 2 | |
| L-Unjoni | 104 | |
| TAC | Mhux rilevanti | |

**ANNESS VI**

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR JONJU U FIL-BAĦAR LEVANT

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levant.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Aristaeomorpha foliacea* | ARS | Gamblu aħmar kbir |
| *Aristeus antennatus* | ARA | Gamblu blu u aħmar |

1. Il-Baħar Jonju

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' gambli tal-fond fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21)

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | OTB | 240 | 69 281 | 23 101 |
| L-Italja | OTB | 410 | 95 996 | 22 252 |
| Malta | OTB | 15 | 5 562 | 2 007 |

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu aħmar kbir<br>*Aristaeomorpha foliacea* | Żona: | GSAs 19-20-21<br>(ARS/GF 19-21) |
|---|---|---|---|
| Il-Greċja | 34 | Livell massimu ta' qbid | |
| L-Italja | 313 | | |
| Malta | 46 | | |
| L-Unjoni | 393 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu blu u aħmar<br>*Aristeus antennatus* | Żona: | GSAs 19-20-21<br>(ARA/GF 19-21) |
|---|---|---|---|
| Il-Greċja | 15 | Livell massimu ta' qbid | |
| L-Italja | 250 | | |
| Malta | 0 | | |
| L-Unjoni | 265 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

2. Il-Baħar Levant

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' gambli tal-fond fil-Baħar Levant (GSAs 24, 25, 26 u 27)

| Stat Membru | Irkaptu | Għadd ta' bastimenti | kW | GT |
|---|---|---|---|---|
| Ċipru | OTB | 6 | 2 048 | 618 |
| L-Italja | OTB | 80 | 37 192 | 13 199 |

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Levant (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu aħmar kbir<br>*Aristaeomorpha foliacea* | Żona: | GSAs 24-25-26-27<br>(ARS/GF 24-27) |
|---|---|---|---|
| L-Italja | 48 | Livell massimu ta' qbid | |
| Ċipru | 12 | | |
| L-Unjoni | 60 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Levant (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi: | Gamblu blu u aħmar<br>*Aristeus antennatus* | Żona: | GSAs 24-25-26-27<br>(ARA/GF 24-27) |
|---|---|---|---|
| L-Italja | 10 | Livell massimu ta' qbid | |
| Ċipru | 6 | | |
| L-Unjoni | 16 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

# ANNESS VII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI
FIL-BAĦAR ALBORAN

(a) Il-livell massimu tal-qabdiet li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief, espressi f'tunnellati ta' piż ħaj

| Speċi | Paġella Ħamra<br>*Pagellus bogaraveo* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar Alboran - GSAs 1-2-3<br>(SBR/GF1-3) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 32 | Livell massimu ta' qbid | |
| L-Unjoni | 32 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(b) Għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati jistadu fil-Baħar Alboran (GSAs 1-2-3)

| Stat Membru | Paġella ħamra fil-GSAs 1-2-3 |
|---|---|
| Spanja | 82 |

# ANNESS VIII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, espressi f'tunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Sprattus sprattus* | SPR | Laċċa kaħla |
| *Scophthalmus maximus* | TUR | Barbun imperjali |

| Speċi: | Laċċa kaħla<br>*Sprattus sprattus* | Żona:: | L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29<br>(SPR/F3742C) |
|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 8 032,50 | Kwota analitika | |
| Ir-Rumanija | 3 442,50 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| L-Unjoni | 11 475 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| TAC | Mhix rilevanti/M'hemmx qbil dwarha | | |

| Speċi: | Barbun imperjali<br>*Scophthalmus maximus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29<br>(TUR/F3742C) |
|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 92,143 | TAC analitika | |
| Ir-Rumanija | 80,357 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| L-Unjoni | 172,5 (*) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| TAC | 857 | | |

(*) Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2023 ma għandha tkun permessa l-ebda attività tas-sajd, inkluż iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ.

# ANNESS IX

EMENDAR TARREGOLAMENT (UE) 2022/110

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/110 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt (a) (it-tabella relatata mal-bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1-2-5-6-7)), in-nota 2 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

"([2]) Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd fi 2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għas-segment tal-flotta kkonċernat, dment li:

(a) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz; jew

(b) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu blu u aħmar b'CL ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, kif ukoll biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; jew

(c) dawk il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % tal-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew mill-inqas 20 % tal-qabdiet tal-ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew

(d) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanji sabiex inaqqas b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd, kif ukoll bl-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.

Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' minn dik l-allokazzjoni addizzjonali, bl-użu tal-kodiċijiet speċifiċi tar-rappurtar għal dik l-allokazzjoni(EFF1/MED1_TR1_AA, EFF1/MED1_TR2_AA, EFF1/MED1_TR3_AA, EFF1/MED1_TR4_AA u EFF2/MED1_TR1_AA, EFF2/MED1_TR2_AA, EFF2/MED1_TR3_AA, EFF2/MED1_TR4_AA).

L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).

Mill-1 ta' Jannar 2022, it-2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allokazzjoni tal-isforz massimu permess tas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat.";

(2) fil-punt (b) (it-tabella relatata mal-bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8-9-10-11)), in-nota 3 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

"([3]) Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd fi 2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għas-segment tal-flotta kkonċernat.

Stat Membru jista' jagħmel dan, dment li:

(a) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz; jew

(b) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu blu u aħmar b'CL ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 u biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; jew

(c) dawk il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % tal-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew ta' mill-inqas 20 % tal-qabdiet tal-ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew

(d) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanji sabiex inaqqas b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd, kif ukoll bl-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.

Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' minn dik l-allokazzjoni addizzjonali, bl-użu tal-kodiċijiet speċifiċi tar-rappurtar għal dik l-allokazzjoni(EFF1/MED2_TR1_AA, EFF1/MED2_TR2_AA, EFF1/MED2_TR3_AA, EFF1/MED2_TR4_AA u EFF2/MED2_TR1_AA, EFF2/MED2_TR2_AA, EFF2/MED2_TR3_AA, EFF2/MED2_TR4_AA).

L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

Mill-1 ta' Jannar 2022, it-2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allokazzjoni tal-isforz massimu permess tas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat.".